Nru. 1146

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ

Ir-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra

Nota ta' Spjegazzjoni[1]:

Introduzzjoni

Din l-emenda tipprojbixxi l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fi kwalunkwe spazju intern aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż xogħlijiet tan-nar taħt taħt il-kategorija F1 kif imfisser fir-Regolamenti dwar it-Tqegħid fis-Suq ta' Oġġetti Pirotekniċi (L.S. 427.70).

Taqsira u l-isfond

L-emendi in kwistjoni jipprovdu għal:

i. projbizzjoni fuq l-użu ta' oġġetti pirotekniċi fi spazji pubbliċi interni, inklużi oġġetti pirotekniċi li jaqgħu taħt il-kategorija F1, jiġifieri dawk li jkunu ta' periklu baxx ħafna u jkollhom livell ta' storbju negliġibbli u li huma maħsuba għall-użu f'żoni magħluqa, inklużi xogħlijiet tan-nar li huma maħsuba għall-użu ġewwa bini domestiku. Dawn l-oġġetti pirotekniċi jinkludu sparklers jew oġġetti simili;

ii. eċċezzjoni għall-użu ta' oġġetti pirotekniċi fi spazji pubbliċi interni minn persuni li għandhom liċenzja maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra (L.S. 33.03) , diment li jkunu fil-pussess ta' permess;

iii. il-pieni għal reat, jiġifieri multa ta' mhux inqas minn €120 u mhux aktar minn €350.

Il-projbizzjoni fil-punt (i) hawn fuq jista' jkollha impatt fuq il-bejgħ ta' sparklers u oġġetti simili, peress li dawn l-oġġetti ma jistgħux jintużaw aktar fi spazji pubbliċi interni, inklużi bars u ristoranti. Din il-projbizzjoni qed tiġi introdotta bħala reazzjoni għall-inċident fi stabbiliment tad-divertiment Żvizzeru li seħħ f'lejlet l-ewwel tas-sena 2026. Hija maħsuba biex tipprevjeni inċidenti bħal dawn li jistgħu jirriżultaw f'nirien u possibbilment telf ta' ħajjiet.

Fl-istess ħin, minħabba l-eċċezzjoni fil-punt (ii), din il-liġi ma teskludix il-piroteknika fi spazji pubbliċi interni diment li din tkun regolata u liċenzjata.

Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Regolament 1: Titolu u bidu fis-seħħ
Regolament 2: Jintroduċi r-regolament 25 ġdid.

Kummentarju

Regolament 2: Jintroduċi r-regolament 25 ġdid, li jipprovdi l-projbizzjoni fuq l-użu ta' sparklers u oġġetti simili fi spazji pubbliċi interni, bl-eċċezzjoni għall-użu ta' piroteknika f'dawn l-ispazji minn persuni liċenzjati, kif ukoll il-pieni għal reati taħt dan ir-regolament.

Sezzjoni Konklużiva

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) wara l-pubblikazzjoni tagħhom.
Kuntatti: Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

Tel. No. 21224001
Email: (pulizija@gov.mt).

[1] Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-artikolu 3(2)(ċ) u l-Iskeda III tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kap. 512).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni jirreferu għal Avviż Legali 199 tal-2026: Ordinanza Dwar l-Esplożivi (Kap. 33); Regolamenti tal-2026 li Jemendaw ir-Regolamenti Dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra li ġie ppubblikat fis-17 ta' Lulju, 2026

Il-31 ta' Lulju, 2026

No. 1146

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS AND SECURITY

Control of Fireworks and other Explosives (Amendment) Regulations, 2026

Explanatory Note[1]:

Introduction

This amendment prohibits the use of all pyrotechnic articles in indoor public spaces, including those pyrotechnics placed in category F1 in the Making Available on the Market of Pyrotechnic Articles Regulations (S.L. 427.70).

Summary and background

The amendments in question provide for:

i. the prohibition on the use of pyrotechnic articles in indoor public spaces, including category F1 fireworks, those which present a very low hazard and negligible noise level and which are intended for use in confined areas, including pyrotechnic articles which are intended for use inside domestic buildings. These pyrotechnic articles include sparklers or similar items;

ii. an exception for the use of pyrotechnic articles in indoor public spaces by persons in possession of a licence issued under the Control of Fireworks and other Explosives Regulations (S.L. 33.03), provided that they are in possession of a permit;

iii. the penalty for an offence, i.e. a fine (*multa*) of not less than €120 and not more than €350.

The prohibition in point i above may have an impact on the sales of sparklers and similar items, given that these items may no longer be used in indoor public spaces, including bars and restaurants. This prohibition is being introduced in response to the incident in a Swiss entertainment establishment in New Years' Eve 2026. It is meant to prevent such incidents that may result in fires and possibly loss of life.

At the same time, in view of the exception in ii, this legislation does not rule out indoor pyrotechnics in public spaces so long as these are regulated and licensed.

Overview of the structure of the instrument

Regulation 1: Citation and commencement.
Regulation 2: Introduces the new regulation 25.

Commentary

Regulation 2: Introduces the new regulation 25, which provides for the prohibition on the use of sparklers and similar items in indoor public spaces, the exception for use of pyrotechnics in such spaces by licensed persons, as well as the punishment for offences under this regulation.

Concluding Section

These provisions shall enter into force within two (2) months after its publication.

[1] These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with article 3(2)(c) and Schedule III of Small Business Act (Cap. 512).

Contact: Police General Headquarters
Tel. No. 21224001
Email: (pulizija@gov.mt)

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

These Explanatory Notes refer to Legal Notice 199 of 2026: Explosives Ordinance (Cap. 33); Control of Fireworks and other Explosives (Amendment) Regulations, 2026 published on 17th July, 2026.

31st July, 2026

Nru. 1147

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq ġdida fi Triq Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ (indikat fuq il-pjanta fuq paġna 14,518).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn il-5 ta'Awwissu, 2026 u t-3 ta' Jannar, 2027, se tibda xogħlijiet fi Triq gdida fi Triq Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com).

Il-31 ta' Lulju, 2026

No. 1147

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

New road off Triq Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ (indicated on site plan on page 14,518).

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 5th August, 2026 and 3rd January, 2027, it will be starting road works in new road off Triq Tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

31st July, 2026